

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tqis li l-leġiżlazzjoni Ungeriża kontenzjuża, billi tillimita b'mod manifestament sproporzjonat l-użu frutt ta' artijiet agricoli u forestali, ma hijiex kompatibbli mal-obbligi li l-Ungerija għandha taħt l-Artikoli 49 u 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taħt l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

It-tneħħija *ex lege* tad-drittijiet ta' użu frutt tikkostitwixxi limitazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita bl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari għaliex tali għajbien tad-dritt ta' użu frutt jostakola jew jagħmilha eċċessivament diffiċli għal dawk li sa issa kienu detenturi ta' tali dritt li joħlqu stabbilimenti fl-Ungerija (jew li jiksbu drittijiet ta' użu fuq artijiet produttivi) bil-għan li hemmhekk iwettqu l-attivitajiet tagħhom, u li jikkontribwixxu, permezz tal-attività ekonomika mwettqa għal rashom, għan-nisġa ta' rabtiet ekonomiċi u soċjali fi ħdan l-Unjoni. Il-Kummissjoni tqis li t-tneħħija *ex lege* tad-drittijiet ta' użu frutt tista' tikkostitwixxi ostakolu għall-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment jew tiddiswadi tali eżerċizzju.

Il-leġiżlazzjoni Ungeriża tikser ukoll il-moviment liberu tal-kapital peress li għandha l-effett li tostakola jew li tillimita l-investment fi proprjetà immobbli li tinsab fl-Ungerija għal dawk li ma humiex ta' nazzjonalità Ungeriża. Tali leġiżlazzjoni tikkawża tnaqqis fil-valur tad-drittijiet ta' użu frutt eżistenti, li min-naħa tiegħu iwassal ukoll għal limitazzjoni tal-moviment liberu tal-kapital.

Il-leġiżlazzjoni Ungeriża tintroduċi diskriminazzjoni indiretta billi tistabbilixxi distinzjoni bi ħsara taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li ma humiex ta' nazzjonalità Ungeriża.

Il-limitazzjonijiet tal-libertajiet imsemmija iktar 'il fuq ma hijiex ġustifikabbli. La hija ġustifikabbli għal xi waħda mir-raġunijiet previsti fit-Trattat, u lanqas għal xi raġunijiet oħra invokati mill-Gvern Ungeriż matul il-proċeduri.

Huwa b'mod partikolari inaċċettabli l-argument li permezz tiegħu l-Gvern Ungeriż jiddefendi n-neċessità tal-limitazzjoni sabiex tinġieb fi tmiemha sitwazzjoni ta' illegalità. Skont il-Kummissjoni ma hijiex ammissibbli l-preżunzjoni ġenerali – li ma hija pprovata fl-ebda każ konkret – li l-kuntratti kollha ta' użu frutt li jirrigwardaw artijiet produttivi fl-Ungerija konklużi minn ċittadini barranin huma, sa minn meta jiġu stabbiliti, illegali u invalidi. Lanqas ma tista' tintlaq' l-allegazzjoni li l-illegalità ta' kull wieħed mill-kuntratti ta' użu frutt tista' tiġi dedotta min-nuqqas ta' awtorizzazzjoni ta' skambju ta' munita barranija li kienet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ qabel l-2002.

Il-limitazzjoni introdotta mil-leġiżlazzjoni Ungeriża ma tissodisfax ir-reqwiżit ta' proporzjonalità, peress li ma hijiex xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa u, barra minn hekk, tmur bil-ħafna lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Il-leġiżlazzjoni Ungeriża ma hijiex kompatibbli mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u lanqas ma tiggarantixxi kumpens xieraq għad-danni kkawżati mit-tneħħija jew mil-limitazzjoni tad-drittijiet ta' użu frutt.

Skont il-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni Ungeriża kontenzjuża tikser d-dritt għall-proprjetà sanċit fl-Artikolu 17 tal-Karta. F'każijiet determinati jkun hemm interferenzi fid-dritt għall-proprjetà anki meta l-ksur ma jkunx estiż għat-tliet elementi kostitutivi tal-"proprjetà" (użu u sfruttament, il-pussess u t-tneħħija).

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2017 minn Irit Azoulay, Andrew Boreham, Mirja Bouchard u Darren Neville mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-28 ta' April 2017 fil-Kawża T-580/16, Azoulay et vs Il-Parlament Ewropew**

**(Kawża C-390/17 P)**

(2017/C 412/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

*Appellanti*: Irit Azoulay, Andrew Boreham, Mirja Bouchard, Darren Neville (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura*: Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

- tannulla s-sentenza appellata;
- tilqa' t-talbiet magħmula fl-ewwel istanza mir-rikorrenti fil-kuntest tar-rikors fil-Kawża T-580/16;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti tqis li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' liġi u bi żnaturament tal-fatti.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' dritt u żnaturat il-fatti billi warrbet interpretazzjoni awtonoma u uniformi tal-kunċett ta' spejjeż tal-iskola fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u billi għamlet dan il-kunċett dipendenti milli jiġi aċċettat mid-diversi sistemi ta' taġlim tal-pajjiżi ta' residenza ta' uffiċjal, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni n-natura tal-ispejjeż u tal-interessi tat-tfal.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kemm mill-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jinkludi ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha għandu normalment jingħata, fl-Unjoni Ewropea kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jitqies il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Axa Belgium, C-494/14, EU:C:2015:692).

Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 47 tas-sentenza appellata hija inkoerenti u tmur kontra l-ġurisprudenza fil-qasam tal-konkordanza bejn l-ilment amministrattiv preliminari u r-rikors.

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Qorti Ġenerali naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni billi ma ddeċidietx dwar il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, minkejja li ġew invokati quddiemha.

Konsegwentement, skont ir-rikorrenti, billi eżaminat b'mod wisq sommarju t-tliet ilmenti differenti tar-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali waslet għal konklużjonijiet li ma huma ġġustifikati la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

---

**Appell ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2017 minn Enercon GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-3 ta' Mejju 2017 fil-Kawża T-36/16, Enercon vs EUIPO**

(Kawża C-433/17 P)

(2017/C 412/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellanti:* Enercon GmbH (rappreżentanti: R. Böhm, Rechtsanwalt, M. Silverleaf QC)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, Gamesa Eólica, SL

**Talbiet**

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-36/16;
- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-245/12;
- tibgħat il-każ lura quddiem l-EUIPO bil-ħsieb li dan jadotta d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell fil-Każ R 260/2011-1 u tiġad l-applikazzjoni ta' Gamesa għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni inkwistjoni;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċedimenti fl-ewwel istanza.